MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 82/2007

**A J & F Limited (C6449)**
**vs**

**Lino Spiteri (ID 448072M) u Kevin Mifsud (ID35579M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija hamsa u disghin Lira Maltin (LM495) lis-socjeta' attrici liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma abbandun ta' xoghol lilhom iddelegat skond skrittura minnhom iffirmata datata 13 ta' Lulju, 2006 kopja taghha hawn annessa markata A1. Din is-somma tkopri hmistax punt hamsa (15.5) qasba kwadru fuq fil tal-faccata bis-sitta u ghoxrin Lira Maltin (LM26) il-qasba kwadra li jammontaw ghal erba' mija u tlett Liri Maltin (LM403) u jumejn xoghol ta' zewg haddiema li jammontaw ghal tnejn u disghin Lira Maltin (LM92) dejjem ikkalkolati skond l-iskrittura.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta' attrici is-Sur Anglu Attard li bil-gurament ikkonferma li d-debitu fl-ammont ta' LM495 skond it-talbu ghadu dovut.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici kif mitluba.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------